## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 415/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs**

**Kenward Jake Bartolo**

Seduta tal-10 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Kenward Jake Bartolo, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 451395M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar is-17 ta' Ottubru 2014 ghall-habta ta' bejn il-11.45am u nofsinhar gewwa Triq l-Irlandizi, Bormla, hebb ghal persuna ta' Godfrey Grech, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 991449M u kkagunalu griehi ta' natura gravi skont ma ccertifika Dr Alexander Baldacchino MD tal-klinika ta' Rahal Gdid;

2.	Aktar talli fl-istess data, lok u hin u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-23 ta' Settembru, 2015 li biha sabet lill-imputat hati u kkundannatu piena ta' sitt xhur prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appellant Kenward Jake Bartolo, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tikkonferma** s-sentenza f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, **tikkonfermaha** ukoll f'dik il-parti fejn hija ordnat il-hrug ta' ordni ta' protezzjoni favur Godfrey Grech ghal perjodu ta' tlett (3) snin ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **timmodifikaha** f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal piena ta' sitt xhur prigunerija effettivi u konsegwentement tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1.	Illi dan huwa appell dwar sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) wara li sabet lill-imputat hati ta' offizi gravi sofferti minn persuna waqt argument bejnha u l-appellant rigward parkegg ta'

vetturi. L-appell interpost jikritika sew l-apprezzament tal-provi mill-ewwel Qorti kif ukoll il-piena minnha erogata. Minkejja dawn il-gravami, l-appellant jitlob konferma tas-sentenza kwantu s-sejbien ta' htija u l-ordni ta' protezzjoni mposta fuqu u varjazzjoni fil-piena. Din il-Qorti tista' tikkonsidra biss it-talba tal-appellant bhala wahda ghar-riforma tas-sentenza u dan ghaliex minkejja l-emendi fl-artikolu 520 tal-Kodici Kriminali, talba ghar-riforma ma ggibx maghha talba ghar-revoka tas-sentenza kif inhu possibbli fl-invers;

2. Is-subartikolu (c) tal-artikolu 520 tal-Kodici Kriminali, issa jaghmel applikabbli s-subartikoli (4), (5) u (6) tal-artikolu 143 tal-Kapitolu 12 fejn talba ghat-thassir tas-sentenza ghandha titqies li tinkludi talba ghall-annullament u tibdil ex subartikolu (4). Din l-inkluzzjoni, izda, mhix estiza ghal kaz fejn jintalab tibdil tas-sentenza, fis-sens illi tibdil mghandux jitqies li tinkludi talba ghat-thassir jew annullament. Skond il-principju *ubi voluit dixit* din il-Qorti ma tistax *marte proprio* tqis li fil-kaz odjern l-appellant qieghed jitlob ukoll it-thassir tas-sentenza meta talab *expressis verbis* il-konferma tas-sejbien ta' htija. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-konsiderazzjonijiet li ser isegwu huma biss dwar it-talba ghat-tibdil tas-sentenza kwantu tikkoncerna l-piena;

3. Meta l-ewwel Qorti kkominat il-piena lamentata ddikjarat illi "*l-imputat ghandu bzonn jifhem sewwa l-konsegwenzi tal-agir tieghu, u din is-sentenza ghandha sservi ta' deterrent ghall-agir vjolenti u anti-socjali*". Tassew illi fis-sentenzi tal-Qrati taghna insibu esaltazzjoni ghal-piena karcerarja meta si tratta ta' offizi volontarji fuq il-persuna. Naturalment kull kaz ghandu l-fatti speci tieghu u ma tkunx din il-Qorti qed tamministra gustizzja retta jekk semplicement tqis dan il-kaz bhal kwalunkwe iehor u mhux tezamina l-fatti partikolari tieghu. Mghadud ma dan, hekk ukoll il-principju ormai stabilit, illi *qua* Qorti ta' Appell mghandiex normalment tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata fil-kominazzjoni

tal-piena jekk din tkun fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddemostra li kellha fil-fatt tinghata piena akbar u anqas minn din kominata;

4. Fil-mori ta' dan l-appell il-Qorti awtorizzat li jithejja Social Inquiry Report fuq l-imputat. Dan kien ezaminat bir-reqqa minn din il-Qorti u minnu tista' tifhem ghaliex l-imputat ghadda daqshekk malajr minn stadju ta' diskussjoni ghal dik ta' rabja u eventwalment vjolenza fizika mal-kwerelant. Minkejja dan, il-fedina penali tieghu hija nadifa hlief ghal dak li jirrigwarda reat serju ta' sewqan minghajr licenzja u minghajr polza ta' assikurazzjoni li izda sehh wara il-kwistjoni odjerna;

5. Ir-rizultanzi ta' dan is-Social Inquiry Report jippostulaw stampa ta' cirkostanzi fil-hajja tal-appellant li ghalkemm difficli u li mhux kullhadd hu kapaci jissuperahom, jidher li nrexxielu jikkombatti l-istess u assuma doveri f'hajtu li jmorru 'l hinn minn normalita'. F'dawn il-parametri, din il-Qorti hi disposta li tkompli tghin lill-appellant billi takkolji t-talba tieghu;

6. Ghal dawn ir-ragunijiet, tilqa' l-appell u **tirriforma** s-sentenza appellata billi tikkonferma kwantu s-sejbien ta' htija u l-ordni mposta ai termini tal-artkolu 412C tal-Kodici Kriminali, tirrevoka kwantu l-piena ta' sitt xhur priguneija u minflok tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' sitt xhur liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-appellant jikkometti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn mil-lum ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali. B'zieda mal-ordni ta' protezzjoni, qed timponi fuq l-appellant ordni ta' trattament ai termini tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali ghal perjodu ta' sentejn;

7. Il-Qorti ghaddiet biex tispjega fi kliem car lill-appellant l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.